**25 ta' Marzu, 1960**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Maria Dolores Palmier

*versus*

Charles Herbert George Biggerstaff

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — "Alternative Accomodation" — Familja — Kunjata — Kwistjoni ta' Dritt — Appell.**

*Meta l-Board tal-Kera, biex jiddeċidi jekk il-fond offert bħala "alternative accomodation" huwiex "suitable" jew le għall-*

*intimat, ikun ħa in konsiderazzjoni wkoll lill-kunjatu tal-intimat li jkun jabita miegħu, u l-lokatur jippretendi li b'hekk il-Board applika l-liġi ħażin, ikun hemm kwistjoni ta' liġi, li tirrendi dik is-sentenza appellabbli.*

*Is-soluzzjoni tal-Board fis-sens illi l-kunjatu għandu jiġi meħud in konsiderazzjoni għall-finijiet tas-"suitability" tal-fond offert hi legalment korretta; għax ġie kostantement ritenut illi l-kelma "familja", fil-kontest tal-liġi tal-kera, u fin-nuqqas ta' kliem ieħor li jillimita s-sinifikat tagħha, għandu jkollha t-tifsir ordinarju tagħha, u ma għandhiex tingħata ebda nterpretazzjoni stretta. Normalment, għall-fini tal-liġi tal-kera, jitqiesu bħala membri tal-familja tal-kerrej dawk kollha li joqgħodu miegħu permanentement, fis-sens li jagħmlu d-dar tagħhom miegħu.*

*Ladarba l-kwistjoni legali tkun ġiet riżoluta sewwa mill-Board, il-fatti mhumiex sindakabbli mill-Qorti tal-Appell.*

Il-Qorti:— *Rat* it-talba tar-rikorrenti quddiem il-Board li Jirregola l-Kera biex tiġi awtorizzata terġa tieħu pussess tal-fond 13 Strada Santa Caterina, Żejtun, biex talloka fih lill-binha Emmanuele Palmier bil-familja tiegħu;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Rat is-sentenza ta' dak il-Board tal-4 ta' Frar 1960, li biha ċaħad it-talba, bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti; wara li kkunsidra;

Illi r-rikorrenti trid il-fond in kwistjoni biex imur joqgħod fih binha Emmanuele Palmier bil-mara u erbgħat itfal — tliet bniet ta' 16, 12 u 8 snin rispettivament, u tifel ta' 14 il-sena;

Hija offriet bħala "alternative accomodation" il-fond fejn joqgħod attwalment it-tifel tagħha fuq imsemmi, ċjoè l-fond 125 Main Street, Żejtun, li jikkonsisti......;

Il-familja tal-intimat tikkonsisti fih, il-mara, tifla xebba ta' 22 sena, u ħu l-mara tiegħu ta' 57 sena;

Il-fond offert mhux "suitable" bħala daqs. Huwa ċar illi għal tnejn miżżewġin, xebba, u l-kunjatu tal-intimat, il-fond offert huwa ċkejken wisq, meta wieħed jikkunsidra li dawn iridu tliet kmamar separati tas-sodda. Fil-fatt, fil-fond hemm żewġt ikmamar żgħar, għax il-kamra l-oħra ta' daqs medju hija aċċessibbli mill-ġnien;

Kwantu għall-"hardship", ir-rikorrenti trid il-fond minħabba illi fejn qiegħed it-tifel tagħha ma hux kbir biż-żejjed, billi huwa qiegħed iraqqad it-tifla ż-żgħira miegħu. Dan, però, ma hux biżżejjed biex jikkonvinċi lill-Board illi kien ikun hemm aktar "hardship" għar-rikorrenti jekk it-talba tiġi miċħuda; għaliex, kif għallmet il-Qorti tal-Appell b'diversi sentenzi, il-maġġuranza numerika weħedha ma tikkostitwix akbar "hardship". għaliex, kieku jkun hekk, kwalunkwe fond offert li jkun "unsuitable" bħala daqs, isir "suitable" għaliex ir-rikorrent ikollu familja aktar numeruża minn dik tal-intimat. Barra minn dan, għalkemm fil-familja tal-intimat hemm anqas nies minn f'dik tat-tifel tar-rikorrenti, però tal-intimat, billi kollha kbar, għandhom eżiġenzi iżjed;

Rat ir-rikors li bih l-imsemmija Maria Dolores Palmier appellat minn dik is-sentenza, u talbet li tiġi revokata u t-talba tagħha tiġi milqugħa; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Biex jiddeċidi jekk il-fond offert bħala "alternative accomodation" huwiex "suitable" jew le għall-familja tal-appellat, il-Board ħa f'konsiderazzjoni wkoll lill-kunjatu tal-appellat, ċjoè ħu l-mara tiegħu. L-appellanti tippretendi illi b'dan il-mod il-Board applika l-liġi ħażin, għaliex skond il-liġi, kif tgħid hija, il-kunjatu ma jistgħax jitqies membru tal-familja tal-inkwilin;

Din hi kwistjoni legali, u għalhekk taħt dan l-aspett is-sentenza tal-Board hi appellabbli;

Issa, is-soluzzjoni mill-Board hi legalment korretta. Għe kostantement ritenut minn din il-Qorti illi l-kelma "familja", fil-kontest tal-liġi in kwistjoni, fin-nuqqas ta' kliem ieħor li jillimita s-sinifikat tagħha, għandu jkollha *t-tifsir ordinarju tagħha, u ma għandhiex tingħata* ebda nterpretazzjoni stretta (ara Vol. XXXVII-I-568, 573; u Vol. XXXVIII-I230). Fil-kawża "Zammit vs. Galea", deċiża fil-11 ta' Diċembru 1959, din il-Qorti rriteniet illi t-test li għandu jiġi applikat huwa jekk bniedem ordinarju kienx iqies lill-persuna in kwistjoni bħala membru tal-familja tal-kerrej; u meta l-ewwel tribunal ikun applika t-test korrett (li hu għandu jagħmel "by the application of a broad, common-sense, man-of-the-world view"), il-Qorti tal-Appell ma tindaħalx. Normalment, għall-fini tad-dispożizzjoni in kwistjoni, jitqiesu bħala membri tal-familja tal-kerrej dawk kollha li joqgħodu miegħu permanentement, fis-sens li jagħmlu d-dar tagħhom miegħu;

Issa, fil-każ preżenti jirriżulta illi hu l-mara tal-appellat minn dejjem għex magħhom, u d-dar tagħhom hija d-dar tiegħu;

Għalhekk, fis-sentenza appellata dan il-punt legali hu applikat sewwa. Mill-bqija ma hemm ebda kwistjoni legali oħra nvoluta fis-sentenza appellata;

Il-kwistjonijiet ta' fatt mhumiex sindakabbli minn din il-Qorti;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellanti.